# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru 1788

KAZ NRU : 2312CD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

**Jesmond Nappa Licari**

u

**Malta Freeport Terminal Ltd**

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*.

Illum il-Gimgha 15 ta' Gunju 2007

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

### 1. Introduzzjoni

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet rriferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' notaipprezentat fir-Registru tal-Qrati Superjuri fit-30 ta' Awissu 2005 biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

L-appellant is-Sur Jesmond Nappa Licari fil-bidu tal-kaz kien assistit mill-Assistent Segretarju Generali tal-Union Haddiema Maghqudin is-Sur Joe Grillo u s-Segretarju ta' l-istess Union is-Sur Antoine Azzopardi. Aktar tard dawn il-persuni gew rispettivament sostitwiti bl-Avv Dr Ian Spiteri Bailey LL.D. u s-Sur Martin Caruana, Segretarju tal-Union Haddiema Maghqudin.

Is-socjeta intimata kienet rapprezentata mis-Sur Francis X. Azzopardi, HR Manager u s-Sur John Portelli Direttur HR, assistiti mill-Avv Joe Zammit Maempel LL.D.

It-Tribunal zamm tmien (8) seduti

.

**2. Xhieda**

Tul is-smiegh tal-kaz xhedu s-segwenti individwi:

| | |
|---|---|
| Sur Jesmond Nappa Licari | l-Appellant |
| Dr Rudolph Busuttil | Tabib tal-kumpanija |
| Sur Lawrence Portelli | Administration & Purchasing Manager |
| Sur Francis X. Azzopardi | HR Manager |
| Dr Stanley Portelli | Direttur Legali |
| Sur Uwe Malezki | Managing Director |
| Dr Deo Debattista | Tabib |
| Sur Ivan Bonnici | Impjegat |
| Sur Jeremy Holland | Operations Clerk |

**3. Dokumenti**

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gew esebiti u pprezentati diversi dokumenti.

**4. L-Istorja**

L-appellant Jesmond Nappa Licari kien gie mpjegat mal-Malta Freeport Terminal fit-28 ta' Settembru 1998 bhala *crane operator* u safa tterminat l-impieg tieghu fit-29 ta' Mejju 2005 fuq *sick leave* minghajr awtorizazzjoni u esagerat li rrenda lill-kumpanija f'ezempju hazin u diffikulta li taqdi d-doveri taghha.

L-appellant kien gie imwissi bosta drabi u deher quddiem bord tad-dixxiplina fid-24 ta' Mejju 2005, L-ittra tat-terminazzjoni ta' l-impieg kienet fis-26 ta' Mejju 2005 mis-Segretarju tal-Bord tad-dixxiplina.

**5. Kunsiderazzjonijiet**

Li l-appellant kien ha *sick leave* eccessiv frekwentament ma hemm l-ebda dubbju ghax ir-rekords tal-kumpanija juruh ampjament; tant hu hekk li rari l-kumpanija kienet tibghat it-tabib taghha, anzi kienet taccetta ic-certifikati tal-mard tat-tabib privat ta' l-appellant. Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li fil-proceduri quddiem it-Tribunal saret enfasi fuq is-*sick leave certificate* ta' bejn il-11 ta' Mejju 2005 u is-17 ta' l-istess xahar, li ma wasalx ghand il-kumpanija minhabba li certu Bonnici, impjegat nesa li jwasslu kif kien mitlub jghamel mill-appellant. Wiehed ukoll ma jridx jinsa li l-kumpanija tat mahfra (amnesty) generali lill-impjegati taghha wara talba ta' l-union (Union Haddiema Maghqudin) fiz-19 ta' Ottubru 2004. Kwindi it-Tribunal kellu jiehu f'kunsiderazzjoni din il-mafra li kienet ukoll tapplika lill-appellant. Izda anke f'dawn ic-cirkostanzi jidher li Nappa Licari xorta baqa jikkommetti l-istess nuqqas u jonqos fil-procedura stabbilita dwar is-*sick.*

It-Tribunal jifhem li seta kien hemm cirkostanzi li kienu jimpedixxu lill-appellant li jirraporta ghax-xoghol li jsuq u jopera l-*crane*, jekk skond it-tabib privat tieghu kien ikun nieqes minn hin adekwat ta' mistrieh, minhabba cirkostanzi partikolari. F'dan ir-rigward it-Tribunal huwa sodisfatt li l-kumpanija kienet konxja tas-sitwazzjoni partikolari li l-appellant kien qieghed ibati biha. Dan hu kkonfermat mill-attitudni li hadet il-kumpanija fil-konfront ta' l-appellant, meta kienet taccetta ic-certifikati tas-*sick leave* tat-tabib privat tieghu. Imma jibqa l-fatt li din il-kwistjoni tax-xoghol kienet tinvolvi l-fazi generali tas-*sick leave* ezagerat u l-incident ta' Mejju 2005 meta ic-certifikat tas-*sick leave* ma wasalx ghand il-Management tal-kumpanija fil-hin stipulat, meta dan ittiehed fil-kwadru generali tas-*sick leave* ta' l-appellant.

Li gie li instab barra minn daru meta mar biex jinvistah it-tabib tal-kumpanija trid tigi kkunsidrata fil-kwadru generali tal-kundizzjoni li kien qieghed ibati minnha l-appellant, kundizzjoni li ma kinitx tikkonsidrah li jkun id-dar kontinwament, kundizzjoni li l-Management kien ben konxju minnha.

It-Tribunal hu sodisfatt li l-kumpanija kienet simpatetika ghall-pozizzjoni, jew ahjar sitwazzjoni li kien fiha l-appellant u ghamlet minn kollox biex ittieh ic-*chance* li jirrangha; izda ghal xi raguni waslet biex din is-simpatija tigi terminata u tterminatlu l-impieg ghabbazi tal-Ftehim Kollettiv.

Il-kaz ta' l-appellant, *prima face* kien jidher bhala abbuz tas-*sick leave* izda taht analizi serja u kunsiderazzjoni profonda dan ma jirizultax li l-kwestjoni hija facili. Ma hemm l-ebda dubbju li l-kumpanija trid thares l-interessi taghha u biex tghamel hekk fil-kaz ta' l-impjegati taghha trid issegwi l-Ftehim Kollettiv, li jidher ma giex segwit mill-appellant f'dak li jirrigwarda l-uzu tas-*sick leave*. Izda jidher li meta l-Bord tad-Dixxiplina wasal ghall-konkluzzjoni li Nappa Licari kiser ir-regoli, ma jidhirx li zamm quddiem ghajnejh li r-regoli f'dan il-kaz seta kellhom eccezzjoni ragunata; kundizzjoni li kien fiha kienet tipprekludiex li jidhol ghax-xoghol tal-mistier tieghu ta' responsabbilta ta' *Crane Driver* fil-Freeport u kwindi dan in-nuqqas rrenda d-decizjoni tal-Bord tad-dixxiplina ghal wahda ta' terminazzjoni ta' l-impieg, l-ghola penalita fid-dixxiplina. Dan qieghed jinghad ghax is-sitwazzjoni li kien fiha l-appellant irrenditu nkapaci li jiffolowja r-regoli stabbiliti tal-Ftehim Kollettiv.

F'dan l-istadju irid it-Tribunal jghamilha car li hu sodisfatt li l-proceduri tad-dixxiplina fil-konfront ta' l-appellant kienu korretti. Jibqa biss ghat-Tribunal Industrijali li jikkunsidra u jiddeciedi jekk it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant kinitx fic-cirkostanzi gusta jew le.

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-istatements of case tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, sema u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, isib u jiddeciedi dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, li fic-cirkostanzi, t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant Jesmond Nappa Licari kienet harxa u kwindi mhux gusta.

Ghalhekk, it-Tribunal Industrijali jordna li l-appellant ghandu jirritorna ghax-xoghol fil-Freeport Terminal b'sehh immedjat f'xoghol iehor barra dak ta' *crane operator.*

It-Tribunal jordna li l-perjodu li dam barra l-appellant ghandu jidher bhala "special unpaid leave" u jkun kunsidrat bhala serviz mhux interrot u li l-Freeport Terminal ghandha tghamel tajjeb ghal "contributions" tieghu tan-*National Insurance*.

Ghall-finijiet ta' drittijiet li jithallsu t-Tribunal Industrijali qieghed jiffissa dawn fis-somma ta' erbghin Liri Maltin (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

-------------------------------

Carmel Debono
Chairman